**MINUTI**

**KUMITAT AMMINSTRATTIV TAL-MADLIENA**

**SEDUTA NUMRU 28**

**NHAR IL-ĦAMIS 24 TA' JANNAR 2013 FIT-17:00**

**PREŻENTI:**

Is-Sinjuri

| | |
|---|---|
| Frank Salt | Chairperson |
| Mary Anne Abela | Vice Chairperson |
| Wallace Farrugia | Membru |
| . Anna Paris | Membru |

Il-Membru A. Chetcuti kien skużat minħabba raġunijiet ta' mard.

**TALBA**

Ic- Chairperson qal it-talba.

## I. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-Seduta numru 27 ġew approvati. Ic- Chair person F. Salt propona u l-Viċi Chair person M. Abela issekondat.

## II. PROĠETT PILOTA KISI BIT-TARMAK FIT-TOROQ TAL-MADLIENA

1. Ic-Chair Person F. Salt issuġerixxa li jiġi diskuss il-proġett ta' kisi bit-tarmak fit-toroq tal-Madliena ħalli jkun jista' jintlaħaq ftehim mal-Kuntrattur Silos Joint Venture sabiex jiġi konkluż dan il-kuntratt. Il-Vici Chair Person M. Abela u l-Membru W. Farrugia issekondaw din il-proposta.

   Wara diskuzzjoni, il-Kumitat Amministarttiv ideċieda li fi żmien 7 t'ijiem minn meta jiġi ffirmat il-ftehim, il-Kuntrattur Silos Joint Venture jipproduċu l-Garanzija Bankarja ta' €12,000 ; din għandha tkun tkopri bejn wieħed u ieħor 10% tax-xogħlijiet fuq l-erbgħa toroq li għad irid issir ix-xogħol fuqhom. Dawn it-toroq huma:

- Parti t'isfel ta' Triq il-Pedidalwett
- Prti mit-telgħa ta' Triq il-Madliena
- Id-daħla ta' Triq il-Fortizza
- Triq l-Inġinier

Il-Kumitat ideċieda wkoll li l-garanzija bankarja trid tkun tkopri tul iż-żmien li fih jitlesta ix-xogħol kollu. Malli l-Kumitat jirċievi din il-Garanzija Bankarja lest li jħallas is-somma ta' €42,000 liema soma tkun akkont ta' xogħlijiet li diġa' saru u li diġa' ġew iċċertifkati mill-Perit tal-Kunsill. Il-bilanċ li jkun fadal pendenti jitħallas meta jitlestew ix-xogħlijiet kollha fuq il-ħsarat fit-toroq li diġa' saru kif ukoll ix-xogħlijiet ta' tarmac fuq it-tlett toroq msemmija hawn taħt:

- Parti t'isfel ta' Triq il-Pedidalwett
- Prti mit-telgħa ta' Triq il-Madliena
- Id-daħla ta' Triq il-Fortizza

Ġie deċiż li malli dawn it-toroq jkunu lesti minn kollox u l-ħsarat jkunu issewew, immedjatament jiġu mkejla u ċċertifikati mill-Perit tal-Kunsill ħalli tkun tista' ssir l-applikazzjoni għall-fondi mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Sakemm jsir dan il-proċess, il-Kuntrattur għandu jibqa' għaddej bix-xogħlijiet fi triq l-oħra ( Triq l-Inġinier ) ħalli malli din ukoll tkun tlesta minn kollox , tiġi ċċertfikata mill-Perit tal-Kunsill u terġa' ssir applikazzjoni oħra għall-fondi mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. F' dan l-istadju, l-Kunsill flimkien mal-Kumitat Amministrattiv lest li jirrilaxxa l-Garanzija Bankarja.

Il-Kumitat Amministrattiv qabel li ix-xogħlijiet fuq l-erbgħa toroq imsemmija għandhom jitlestew fi żmien tlett xhur mill-Ftehim. Pagamenti, retentions, penalijiet u kundizzjonijiet oħra inklużi fil-Kuntratt oriġinali se jibqgħu jiġu regolati mill-istess kuntratt.

Ġie deċiż li jsir ftehim b'dawn il-kundizzjonijiet u jintbagħat lill-Kuntrattur. Dan il-ftehim qed jiġi ppropunit mill-Kunsill u mill-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena bħala ġest ta' rieda tajba sabiex ix-xogħlijiet pendenti jitlestew fl-interess ta' kulħadd u bl-ebda mod ma jippreġudika l-kuntratt oriġinali bejn il-Kunsill u Silos Joint Venture.

Il-Kumitat Ammistrattiv qabel li għandha titbagħat ittra rreġistrata biex tinforma lill-Kuntrattur b'dan il-ftehim, pero' f'każ illi l-istess ftehim ma jiġix iffirmat fi żmien ħmistax-il ġurnata., il-Kunsill jikkonsidra dan bħala abbandun tal-proġett u jiskattaw il-provedimenti msemmija fil-Kuntratt orignali.

Dwar dan il-ftehim il-membru W.Farrugia ppropona dawn il-proposti u Chair person F. Salt issekonda.

Il-laqgħa spiċċat fis-4:30pm .

Hugh Zammit
Segretarju Eżekuttiv

Frank Salt
Chairperson